MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 556/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**
**Petrod Limited**
**Peter u Doris mizzewgin Agius**
**Roderick Agius**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 13 ta' Frar, 1996, in atti Nutar Dottor Joseph Lia (Dok "A"), is-socjeta' attrici kkoncediet "Overdraft Facility" lis-socjeta' konvenuta Petrod Limited ;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Petrod Limited fis-somma ta' erbgha u tletin elf, seba' mija u tlieta u sittin Liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm34,763.83) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta' Petrod Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B82") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t' April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament ;

U premess illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe' dak datat 13 ta' Frar, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia (Dok "A"), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Marzu, 1996 (Dok "C"), il-konvenuti Peter u Doris mizzewgin Agius iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Petrod Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta' l-istess socjeta' Petrod Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U premess illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe' dak datat 13 ta' Frar,1996, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia (Dok "A"), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Marzu 1996 (Dok "D"), il-konvenut Roderick Agius iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Petrod Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' Petrod Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 24 ta' Marzu, 2003 u li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "E", "F", "G" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti .

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundanna lis-socjeta' Petrod Limited u lil Peter u Doris mizzewgin Agius u Roderick Agius, jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u tletin elf, seba' mija u tlieta u sittin liri Maltin u tlieta u tenin centezmu (Lm34,763.83) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft account" tas-socjeta' Petrod Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" sa "B82") flimkien ma l-

imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqgghu kontumaci

Rat in-nota tas-socjeta' attrici prezentata fit-22 ta' Awissu, 2003 li permezz taghha rriducit it-talba ghal wiehed u tletin elf seba' mija u sitta u sittin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm31,766.23);

Semghet ix-xhieda tal-PL Joseph Zammit;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba kif ridotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghal ghal wiehed u tletin elf seba' mija u sitta u sittin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm31,766.23) bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------